



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2011/0366(COD)

13.9.2012

EMENDI 69 - 186

Abbozz ta' rapport
Sylvie Guillaume
(PE491.289v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil

Proposta għal regolament
(COM(2011)0751 – C7-0443/2011 – 2011/0366(COD))

AM\913504MT.doc

PE494.640v02-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Emenda 69
Rui Tavares, Sylvie Guillaume

Abbozz ta' rizzoluzzjoni leġislattiva
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Abbozz ta' rizzoluzzjoni leġislattiva

Emenda

– wara li kkunsidra r-rizzoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar l-istabbiliment ta' programm konġunt tal-UE dwar ir-risistemazzjoni¹ u b'mod partikolari l-paragrafi dwar il-ħolqien ta' Unità Ewropea ta' Risistemazzjoni, 1 ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 1.

Or. en

Emenda 70
Sylvie Guillaume, Georgios Papanikolaou, Rui Tavares, Jan Mulder, Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 78(2), 79(2) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 78(2), 79(2) u (4), **u 80** tiegħu,

Or. en

Emenda 71
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Dan l-objettiv għandu jiżgura l-implimentazzjoni ta' politika tal-ażil u tal-

immigrazzjoni li tirrispetta d-dinjità u d-drittijiet ta' -ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari d-dritt ta' aċċess għat-territorju tal-Unjoni għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li jixtieq jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru u d-dritt għal eżami ddettaljat tat-talba tiegħu, u l-konformità mal-obbligi tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, mill-KEDB u mill-adeżjoni tagħhom ma' strumenti internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951, il-prinċipju ta' non-refoulement u l-projbizzjoni li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu esposti għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal forom oħra ta' trattament inuman jew degradanti li jirriżultaw mill-espulsjoni jew it-tkeċċija tagħhom.

Or. fr

Emenda 72

Ramon Tremosa i Balcells

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Sabiex jikkontribbwixxi għall-iżvilupp tal-politika komuni tal-Unjoni dwar l-ażil u l-immigrazzjoni u għat-tiġid tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fid-dawl tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' solidarjetà u kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (minn hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'il-Fond').

Emenda

(2) Sabiex jikkontribbwixxi għall-iżvilupp tal-politika komuni tal-Unjoni dwar l-ażil u l-immigrazzjoni u għat-tiġid tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fid-dawl tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' solidarjetà u kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, ***l-awtoritajiet reġjonali u lokali*** u l-kooperazzjoni ***tagħhom*** ma' pajjiżi terzi, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (minn hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'il-Fond').

Or. en

Emenda 73
Simon Busuttil

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ għall-istabbiliment ta' miżuri li jippermettu li persuni li jfittxu l-ażil jaċċessaw is-sistema ta' ažiż tal-Unjoni b'mod sikur mingħajr ma jirrikorru għal kuntrabandisti tal-bnedmin jew networks kriminali u mingħajr ma jpoġġu ħajjithom fil-periklu.

Or. en

Emenda 74
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) Biex *itejbu* u *jsaħħu l-proċess* ta' integrazzjoni fis-soċjetajiet Ewropej, il-Fond għandu jiffaċilita l-migrazzjoni legali lejn l-Unjoni f'konformità mal-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri u jantiċipa t-tħejjija tal-proċess ta' integrazzjoni diġà fil-pajjiż ta' orijini ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li deħlin fl-Unjoni.

(12) Biex *itejjeb* u *jsaħħaħ il-proċess* ta' integrazzjoni fis-soċjetajiet Ewropej, il-Fond għandu jiffaċilita l-migrazzjoni legali lejn l-Unjoni f'konformità mal-ħtiġijiet ***kulturali***, ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri u jantiċipa t-tħejjija tal-proċess ta' integrazzjoni diġà fil-pajjiż ta' orijini ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li deħlin fl-Unjoni.

Or. fr

Emenda 75
Ramon Tremosa i Balcells

**Proposta għal regolament
Premessa 13**

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Sabiex ikun effiċjenti u jikseb l-ikbar valur miżjud, il-Fond għandu jsegwi approċċ aktar immirat, b'appoġġ għal strateġiji konsistenti speċifikament maħsuba biex jippromwovu l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq livell lokali u/jew reġjonali. Dawk l-istrateġiji għandhom ikunu implimentati l-aktar mill-awtoritajiet lokali jew reġjonali u l-atturi li mhumiex statali, filwaqt li ma jgħux esklużi awtoritajiet nazzjonali jekk l-organizzazzjoni amministrattiva tal-Istat Membru jirrekjedi dan. L-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni għandhom jagħżlu l-miżuri l-aktar adattati għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom mill-varjetà ta' miżuri disponibbli.

Emenda

(13) Sabiex ikun effiċjenti u jikseb l-ikbar valur miżjud, il-Fond għandu jsegwi approċċ aktar immirat, b'appoġġ għal strateġiji konsistenti speċifikament maħsuba biex jippromwovu l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq livell lokali u/jew reġjonali. Dawk l-istrateġiji għandhom ikunu implimentati l-aktar mill-awtoritajiet lokali jew reġjonali u l-atturi li mhumiex statali, filwaqt li ma jgħux esklużi awtoritajiet nazzjonali jekk l-organizzazzjoni amministrattiva tal-Istat Membru jirrekjedi dan. L-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni għandhom jagħżlu l-miżuri l-aktar adattati għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom mill-varjetà ta' miżuri disponibbli. ***Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu li jagħmel ir-riżorsi tal-Fond disponibbli direttament għal dawk l-awtoritajiet reġjonali jew lokali li huma l-aktar affettwati minn talbiet għal ažiż u migrazzjoni.***

Or. en

**Emenda 76
Marie-Christine Vergiat**

**Proposta għal regolament
Premessa 18**

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Huwa xieraq li jkomplu jappoġġjaw u jinkoraġġixxu l-isforzi tal-Istati Membri biex itejbu l-ġestjoni ta' ritorn fid-dimensjonijiet kollha tagħha, u bil-ħsieb ta' implimentazzjoni ġusta u effettiva kontinwa ta' standards komuni dwar ir-ritorn, b'mod partikolari kif stabbilit fid-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament

Emenda

imħassar

Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'permanenza illegali. Il-Fond għandu jippromwovi l-iżvilupp ta' strateġiji ta' ritorn f'livell nazzjonali u wkoll miżuri li jappoġġjaw l-implimentazzjoni effettiva tagħhom f'pajjiżi terzi.

Or. fr

Emenda 77
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Fir-rigward tar-ritorn volontarju ta' persuni, inklużi persuni li jixtiequ jkunu rimpatrijati għalkemm ma jkunu taħt ebda obbligu li jħallu t-territorju, **għat-tali persuni rimpatrijati** għandhom ikunu previsti **inċentivi**, bħal trattament preferenzjali fil-forma ta' għajnuna mtejbja għar-ritorn. Dan **it-tip ta' ritorn** volontarju huwa fl-interess kemm *ta' persuni* rimpatrijati, kif ukoll tal-awtoritajiet **f'termini ta' kost-effettività. L-Istati Membri għandhom jitħeġġew biex jagħtu preferenza għar-ritorn volontarju.**

Emenda

(19) Fir-rigward tar-ritorn volontarju ta' persuni, inklużi persuni li jixtiequ jkunu rimpatrijati għalkemm ma jkunu taħt ebda obbligu li jħallu t-territorju, għandhom ikunu previsti **miżuri**, bħal trattament preferenzjali fil-forma ta' għajnuna mtejbja għar-ritorn. Dan **ir-ritorn** volontarju huwa fl-interess kemm *tal-persuni rimpatrijati* kif ukoll tal-awtoritajiet, **jiżgura r-rispett tad-drittijiet tagħhom, u għandu jseħħ fil-qafas ta' proċedura maqbula b'mod konġunt.**

Or. fr

Emenda 78
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Premessa 20

(20) Madankollu, mill-perspettiva ta' politika, ir-ritorn volontarju u infurzat huma interkonnessi u għandhom effett li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa fil-ġestjoni tar-ritorn tagħhom biex isaħħu l-kumplimentaritajiet taż-żewġ forom. Hemm il-ħtieġa li jitwettqu ritorni infurzati sabiex tkun salvagwardjata l-integrità tal-politika dwar l-ażil u l-immigrazzjoni tal-Unjoni u s-sistemi tal-immigrazzjoni u l-ażil tal-Istati Membri. Għalhekk il-possibbiltà ta' ritorn infurzat hija prerekwiżit biex ikun żgurat li din il-politika ma tkunx mhedda u biex ikun infurzat l-istat tad-dritt, li fih innifsu huwa essenzjali għall-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-Fond għalhekk għandu jappoġġja azzjonijiet ta' Stati Membri sabiex ikun iffaċilitat ir-ritorn infurzat.

imħassar

Or. fr

Emenda 79

Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament

Premessa 21

(21) Huwa wkoll imperattiv għall-Fond li jappoġġja miżuri speċifiċi għall-persuni rimpatrijati fil-pajjiż ta' ritorn sabiex ikun żgurat ritorn effettiv lejn il-belt jew reġjun tagħhom ta' oriġini taħt kundizzjonijiet tajbin u biex *ittejjeb* ir-riintegrazzjoni dejjiema tagħhom fil-komunità tagħhom;

(21) Huwa wkoll imperattiv għall-Fond li jappoġġja miżuri speċifiċi għall-persuni rimpatrijati ***b'mod volontarju*** fil-pajjiż ta' ritorn ***fir-rispett tal-Istat tad-dritt u tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali***, sabiex ikun żgurat ritorn effettiv lejn il-belt jew reġjun tagħhom ta' oriġini taħt kundizzjonijiet tajbin u biex *ittejjeb* ir-riintegrazzjoni dejjiema tagħhom fil-komunità tagħhom;

Emenda 80
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Il-ftehimiet ta' riammissjoni tal-Unjoni huma komponent integrali tal-politika ta' ritorn tal-Unjoni u għodda ċentrali għall-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji peress li jiffaċilitaw ir-ritorn malajr ta' migranti irregolari. Dawk il-ftehimiet huma element importanti fil-qafas tad-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ta' oriġini u t-tranżitu ta' migranti irregolari u l-implimentazzjoni tagħhom fil-pajjiżi terzi għandha tkun appoġġjata fl-interess ta' strateġiji ta' ritorn effettivi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni;

Emenda

imħassar

Emenda 81
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Il-Fond għandu jikkumplimenta u jsaħħaħ l-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Aġenzija Frontex) stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004, li wieħed mill-inkarigi tagħha huwa li

Emenda

(23) Il-Fond għandu jikkumplimenta u jsaħħaħ l-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Aġenzija Frontex) stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004, li wieħed mill-inkarigi tagħha huwa li

tippovdi l-appoġġ neċessarju għall-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn konġunti tal-Istati Membri u tidentifika l-aħjar prattiki dwar l-akkwist ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u t-tneħħija ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu preżenti illegalment fit-territorji tal-Istati Membri.

tippovdi l-appoġġ neċessarju għall-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn konġunti tal-Istati Membri u tidentifika l-aħjar prattiki dwar l-akkwist ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u t-tneħħija ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu preżenti illegalment fit-territorji tal-Istati Membri.

Dan għandu jippermetti wkoll lill-Aġenzija li tissodisfa l-obbligi tagħha u dawk tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tas-salvataġġ fuq il-baħar.

Or. fr

Emenda 82 **Kyriacos Triantaphyllides**

Proposta għal regolament **Premessa 24**

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Il-Fond għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ *mad-drittijiet* u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. ***B'mod partikolari***, azzjonijiet eliġibbli għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikolari, b'attenzjoni speċjali u risponsi ddedikati lill-minorenni mhux akkumpanjati u minorenni oħra friskju.

Emenda

(24) Il-Fond għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ *tad-drittijiet* u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-10 ta' Diċembru 1948, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Patt Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti u tal-Membri tal-Familja Tagħhom***. Azzjonijiet eliġibbli għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikolari, b'attenzjoni speċjali u risponsi ddedikati lill-minorenni

mhux akkumpanjati u minorenni oħra
friskju.

Or. el

Emenda 83
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) L-organizzazzjonijiet internazzjonali speċjalizzati fil-qasam tal-ażil u tal-immigrazzjoni u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom ikunu kkonsultati matul it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri differenti li jaqgħu taħt il-Fond.

Or. fr

Emenda 84
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26) Parti kbira tar-riżorsi disponibbli taħt il-Fond għandha tiġi allokata b'mod proporzjonali mar-responsabbiltà merfugħa minn kull Stat Membru permezz tal-isforzi tiegħu fil-ġestjoni tal-flussi migratorji abbażi ta' kriterji oġġettivi. Għal dak l-għan, għandha tintuża l-aktar dejta statistika reċenti disponibbli dwar il-flussi migratorji, bħalma huwa l-għadd ta' applikazzjonijiet tal-ewwel ażil, l-għadd ta' deċiżjonijiet pożittivi li jagħtu protezzjoni għar-refuġjati jew sussidjarja, l-għadd ta'

(26) Parti kbira tar-riżorsi disponibbli taħt il-Fond għandha tiġi allokata b'mod proporzjonali mar-responsabbiltà merfugħa minn kull Stat Membru permezz tal-isforzi tiegħu fil-ġestjoni tal-flussi migratorji abbażi ta' kriterji oġġettivi. Għal dak l-għan, għandha tintuża l-aktar dejta statistika reċenti disponibbli dwar il-flussi migratorji, bħalma huwa l-għadd ta' applikazzjonijiet tal-ewwel ażil, l-għadd ta' deċiżjonijiet pożittivi li jagħtu protezzjoni għar-refuġjati jew sussidjarja, l-għadd ta'

refuġjati risistemati, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kisbu awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru sabiex jirrisjedu, ***l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali u l-għadd ta' ritorni effettwati.***

refuġjati risistemati, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kisbu awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru sabiex jirrisjedu.

Or. fr

Emenda 85 **Georgios Papanikolaou**

Proposta għal regolament **Premessa 26**

Test propost mill-Kummissjoni

(26) A large part of the available resources under the Fund should be allocated proportionally to the responsibility borne by each Member State through its efforts in managing migration flows on the basis of objective criteria. Għal dak l-għan, għandha tintuża l-aktar dejta statistika reċenti disponibbli dwar il-flussi migratorji, bħalma huwa l-għadd ta' applikazzjonijiet tal-ewwel ažił, l-għadd ta' deċiżjonijiet pożittivi li jagħtu protezzjoni għar-refuġjati jew sussidjarja, l-għadd ta' refuġjati risistemati, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kisbu awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru sabiex jirrisjedu, l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali u l-għadd ta' ritorni effettwati.

Emenda

(26) A large part of the available resources under the Fund should be allocated proportionally to the responsibility borne by each Member State through its efforts in managing migration flows on the basis of objective criteria. Għal dak l-għan, għandha tintuża l-aktar dejta statistika reċenti disponibbli dwar il-flussi migratorji, bħalma huwa l-għadd ta' applikazzjonijiet tal-ewwel ažił, l-għadd ta' deċiżjonijiet pożittivi li jagħtu protezzjoni għar-refuġjati jew sussidjarja, l-għadd ta' refuġjati risistemati, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kisbu awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru sabiex jirrisjedu, ***in-numru ta' migranti irregolari maqbuda fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri***, l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali u l-għadd ta' ritorni effettwati.

Or. en

Emenda 86
Kyriacos Triantaphyllides

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Parti kbira tar-riżorsi disponibbli taħt il-Fond għandha tiġi allokata b'mod proporzjonali mar-responsabbiltà merfugħa minn kull Stat Membru permezz tal-isforzi tiegħu fil-ġestjoni tal-flussi migratorji abbażi ta' kriterji oġġettivi. Għal dak l-għan, għandha tintuża l-aktar dejta statistika reċenti disponibbli dwar il-flussi migratorji, bħalma huwa l-għadd ta' applikazzjonijiet tal-ewwel ażil, l-għadd ta' deċiżjonijiet pożittivi li jagħtu protezzjoni għar-refuġjati jew sussidjarja, l-għadd ta' refuġjati risistemati, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kisbu awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru sabiex jirrisjedu, l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali u l-għadd ta' ritorni effettwati.

Emenda

(26) Parti kbira tar-riżorsi disponibbli taħt il-Fond għandha tiġi allokata b'mod proporzjonali mar-responsabbiltà merfugħa minn kull Stat Membru permezz tal-isforzi tiegħu fil-ġestjoni tal-flussi migratorji abbażi ta' kriterji oġġettivi. Għal dak l-għan, għandha tintuża l-aktar dejta statistika reċenti disponibbli dwar il-flussi migratorji, bħalma huwa l-għadd ta' applikazzjonijiet tal-ewwel ażil, l-għadd ta' deċiżjonijiet pożittivi li jagħtu protezzjoni għar-refuġjati jew sussidjarja, l-għadd ta' refuġjati risistemati, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment, l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kisbu awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru sabiex jirrisjedu, l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali u l-għadd ta' ritorni effettwati. ***Barra minn hekk, madankollu, huwa importanti li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-riżorsi ekonomiċi ta' kull Stat Membru kif ukoll id-daqs ġeografiku tiegħu. Riċerka fil-fond hija wkoll neċessarja biex jiġu identifikati u kkwantifikati l-ispejjeż reali għall-Istati Membri.***

Or. el

Emenda 87
Rui Tavares, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Fid-dawl tal-istabbiliment progressiv ta' Programm dwar ir-Risistemazzjoni tal-Unjoni, il-Fond għandu jipprovdi assistenza mmirata fil-forma ta' inċentivi finanzjarji (*sommom sħiħa*) għal kull refuġjat risistemat.

Emenda

(29) Fid-dawl tal-istabbiliment progressiv ta' Programm dwar ir-Risistemazzjoni tal-Unjoni, il-Fond għandu jipprovdi assistenza mmirata fil-forma ta' inċentivi finanzjarji għal kull refuġjat risistemat.

Or. en

Emenda 88

Kyriacos Triantaphyllides

Proposta għal regolament

Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Biex tiġi mtejba s-solidarjetà u tiġi kondiviża aħjar ir-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari lejn daww l-aktar milquta mill-flussi tal-ażil, mekkaniżmu simili bbażat fuq inċentivi finanzjarji għandu jiġi stabbilit ukoll għar-rilokazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

Emenda

(33) Biex tiġi mtejba s-solidarjetà u tiġi kondiviża aħjar ir-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari lejn daww l-aktar milquta mill-flussi tal-ażil, mekkaniżmu simili bbażat fuq inċentivi finanzjarji għandu jiġi stabbilit ukoll għar-rilokazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. ***Il-mekkaniżmu jrid ikollu riżorsi biżżejjed biex jikkumpensa lill-Istati Membri li qed jirċievu numri akbar ta' persuni li jfittxu l-ażil u benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, kemm jekk f'termini assoluti jew proporzjonali, u biex jgħinu lil daww b'sistemi ta' azzil anqas żviluppati.***

Or. el

Emenda 89

Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament

Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(35a) Għal dan il-għan, l-għajnuna teknika hija essenzjali sabiex l-Istati Membri jkunu f'pożizzjoni li jimplimentaw il-programmi nazzjonali tagħhom, li jgħinu lill-benefiċjarji sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom u jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni u, għaldaqstant, li jsaħħu l-viżibilità u l-aċċessibilità tal-finanzjament tal-UE.

Or. fr

Emenda 90
Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Premessa 35b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(35b) Filwaqt li tirrispetta l-kriterji ta' flessibilità, is-simplifikazzjoni strutturali tal-istrumenti u tal-infiq għandha tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti ta' prevedibilità u ta' affidabilità u tiżgura tqassim ekwu u trasparenti tar-riżorsi taħt il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil.

Or. fr

Emenda 91
Kyriacos Triantaphyllides

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(37) Dan ir-Regolament għandu jiżgura l-kontinwazzjoni tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni stabbilit mid-

(37) Dan ir-Regolament għandu jiżgura l-kontinwazzjoni tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni stabbilit mid-

Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE tal-14 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni u jipprovdi assistenza finanzjarja meħtieġa għall-attivitajiet tiegħu f'konformità mal-oġġettivi u l-kompiti tiegħu kif stabbilit f'dan ir-Regolament.

Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE tal-14 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni¹ u jipprovdi assistenza finanzjarja meħtieġa għall-attivitajiet tiegħu f'konformità mal-oġġettivi u l-kompiti tiegħu kif stabbilit f'dan ir-Regolament. ***Jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza li fi ħdan il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil jiġu inklużi salvagwardji għall-prevenzjoni tal-allokazzjoni eċċessiva ta' fondi lil qasam ta' politika wieħed biss għad-detriment tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil kollha kemm hi.***

Or. el

Emenda 92
Rui Tavares, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Fid-dawl tal-għan tal-inċentivi finanzjarji allokatil lill-Istati Membri għar-risistemazzjoni u / jew ir-rilokazzjoni ***fil-forma ta' somom sħaħ***, u minħabba li jirrappreżwentaw frazzjoni żgħira tal-ispejjeż attwali, dan ir-Regolament għandu jipprovdi għal ċertu derogi mir-regoli dwar l-eliġibilità tan-nefqa.

Emenda

(39) Fid-dawl tal-għan tal-inċentivi finanzjarji allokatil lill-Istati Membri għar-risistemazzjoni u / jew ir-rilokazzjoni, u minħabba li jirrappreżwentaw frazzjoni żgħira tal-ispejjeż attwali, dan ir-Regolament għandu jipprovdi għal ċertu derogi mir-regoli dwar l-eliġibilità tan-nefqa.

Or. en

Emenda 93
Rui Tavares, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Sabiex ikunu ssupplimentati jew emendati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-ammonti **globali** għar-risistemazzjoni u rilokazzjoni, id-definizzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi u ta' prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet xierqa fil-ħidma preparatorja tagħha, inkluż f'livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda

(40) Sabiex ikunu ssupplimentati jew emendati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-ammonti għar-risistemazzjoni u rilokazzjoni, id-definizzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi u ta' prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet xierqa fil-ħidma preparatorja tagħha, inkluż f'livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 94
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(40a) It-Trattat ta' Lisbona jipprovdi għal atti delegati biss bħala atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali relatati ma' elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv. Kwalunkwe element essenzjali għandu jiġi stabbilit fl-att leġiżlattiv inkwistjoni.

Or. en

Emenda 95
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) 'ċittadin ta' pajjiż terzi' tfisser kwalunkwe persuna li mhux ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20(1) tat-Trattat;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-definizzjoni hija superfluwa minħabba li t-Trattat dwar il-Fuzjonament tal-UE jiddefinixxi ċ-ċittadini tal-UE fl-Artikolu 20(1) u anke persuni bla stat fil-kategorija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Artikolu 67(2).

Emenda 96
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) 'membri tal-familja' tfisser kwalunkwe persuni li huma qraba dipendenti fil-linja dixxendenti jew axxendenti, inklużi tfal adottati, il-konjuġi, l-imsieħba mhux miżżewġa b'relazżjoni fit-tul attestata kif xieraq jew fi sħubija rreġistrata, jekk applikabbli taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat;

(e) 'membri tal-familja' tfisser *ġenituri u tfal*, inklużi tfal adottati, il-konjuġi, l-imsieħba mhux miżżewġa b'relazżjoni fit-tul attestata kif xieraq jew fi sħubija rreġistrata, jekk applikabbli taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat;

Or. en

Emenda 97
Marie-Christine Vergiat

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt e**

Test propost mill-Kummissjoni

(e) ‘membri tal-familja’ tfisser kwalunkwe *persuni li huma qrafa* dipendenti fil-linja dixxendenti jew axxendenti, inklużi tfal adottati, il-konjuġi, l-imsieħba mhux miżżewġa b’relazzjoni fit-tul attestata kif xieraq jew fi sħubija rreġistrata, ***jekk applikabbli taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat***;

Emenda

(e) ‘membri tal-familja’ tfisser kwalunkwe *persuna li tagħmel parti mill-qrafa* dipendenti fil-linja dixxendenti jew axxendenti, inklużi tfal adottati, il-konjuġi, l-imsieħba mhux miżżewġa b’relazzjoni fit-tul attestata kif xieraq jew fi sħubija rreġistrata;

Or. fr

**Emenda 98
Monika Hohlmeier**

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt fa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(fa) ‘persuni vulnerabbli’ tfisser minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b’disabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri wehldhom bi tfal minorenni, vittmi ta’ trafikkar, persuni b’mard fiżiku jew mentali serju, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta’ vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

Or. en

**Emenda 99
Monika Hohlmeier**

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejjela* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' titjib fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fil-qasam tal-ażil, fil-kwalità tal-proċeduri tal-ażil, fil-konverġenza ***tar-rati ta' rikonoxximent*** fl-Istati Membri, u l-isforzi ta' risistemazzjoni mill-Istati Membri.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejla* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' titjib fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fil-qasam tal-ażil, fil-kwalità tal-proċeduri tal-ażil, fil-konverġenza ***tal-prattika ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'każi simili*** fl-Istati Membri, u l-isforzi ta' risistemazzjoni mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 100
Jan Mulder

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejjela* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' titjib fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fil-qasam tal-ażil, fil-kwalità tal-proċeduri tal-ażil, fil-konverġenza tar-rati ta' rikonoxximent fl-Istati Membri, u l-isforzi ta' risistemazzjoni mill-Istati Membri.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejla* ***mill-Kummissjoni*** permezz ta' indikaturi ***bħalma huma***, fost oħrajn, il-livell ta' titjib fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fil-qasam tal-ażil, fil-kwalità tal-proċeduri tal-ażil, fil-konverġenza tar-rati ta' rikonoxximent fl-Istati Membri, u l-isforzi ta' risistemazzjoni mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 101
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejjela* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejla* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, ***in-***

ta' titjib fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fil-qasam *tal-ażil*, fil-kwalità tal-proċeduri *tal-ażil*, fil-konverġenza tar-rati ta' rikonoxximent fl-Istati Membri, u l-isforzi ta' risistemazzjoni mill-Istati Membri.

numru ta' persuni li jfittxu l-ażil li jidħlu fit-territorju tal-Unjoni, in-numru ta' talbiet imressqa u approvati, il-livell ta' titjib fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fil-qasam *tal-asil*, fil-kwalità tal-proċeduri *tal-asil*, fil-konverġenza tar-rati ta' rikonoxximent fl-Istati Membri, u l-isforzi ta' risistemazzjoni mill-Istati Membri.

Or. fr

Emenda 102
Simon Busuttil

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) l-appoġġ ta' miżuri għal aċċess sikur għas-sistema ta' ażil tal-Ewropa;

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandu jitkejjel permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, l-opportunitajiet li persuni li jfittxu l-ażil għandhom li jaċċessaw is-sistema ta' ażil tal-Unjoni b'mod sikur mingħajr ma jirrikorru għall-kuntrabandisti tal-bnedmin jew netwerks kriminali u mingħajr ma jpoġġu haġġithom fil-periklu.

Or. en

Emenda 103
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-appoġġ ta' *migrazzjoni* legali għall-Unjoni f'konformità mal-bżonnijiet ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri u l-

(b) l-appoġġ ta' *miżuri taħt il-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-migrazzjoni* legali għall-Unjoni

promozzjoni tal-integrazzjoni effettiva ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, **inkluż dawk li jfittxu l-ażil** u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali;

f'konformità mal-bżonnijiet ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri, **bħalma huma l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol**, u l-promozzjoni tal-integrazzjoni effettiva ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, **persuni mingħajr stat** u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 104 **Monika Hohlmeier**

Proposta għal regolament **Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejla* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' parteċipazzjoni miżjuda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-impjieg, l-edukazzjoni u f'proċessi demokratiċi.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejla* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' parteċipazzjoni miżjuda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi **u persuni mingħajr stat** fl-impjieg, l-edukazzjoni u f'proċessi demokratiċi.

Or. en

Emenda 105 **Jan Mulder**

Proposta għal regolament **Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejla* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' parteċipazzjoni miżjuda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-impjieg, l-edukazzjoni u f'proċessi demokratiċi.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejla* **mill-Kummissjoni** kontra indikaturi **bħalma huma**, fost oħrajn, il-livell ta' parteċipazzjoni miżjuda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-impjieg, l-edukazzjoni u f'proċessi demokratiċi.

Or. en

Emenda 106
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejla* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' parteċipazzjoni miżjuda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-impjieg, l-educazzjoni u f'proċessi demokratiċi.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejla* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' parteċipazzjoni miżjuda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-impjieg, l-educazzjoni u f'proċessi demokratiċi, ***in-numru ta' studenti minn pajjiżi terzi li jkunu mħarrġa u impjegati fl-Unjoni u n-numru ta' artisti minn pajjiżi terzi li jkunu qed iħaddmu t-talent tagħhom fl-Unjoni.***

Or. fr

Emenda 107
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejla* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' parteċipazzjoni miżjuda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-impjieg, l-educazzjoni u f'proċessi demokratiċi.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi *mkejla* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' parteċipazzjoni miżjuda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-impjieg, l-educazzjoni u f'proċessi demokratiċi, ***il-kontribuzzjoni tagħhom għall-PDG u l-integrazzjoni soċjali tagħhom;***

Or. en

Emenda 108
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(c) sabiex jissaħħu strateġiji **ta' ritorn ġusti u effettivi l-kapaċitajiet tal-Istati Membri b'enfasi fuq is-sostenibbiltà ta' ritorn u riammissjoni effettiva fil-pajjiżi tal-oriġini;**

Emenda

(c) sabiex jissaħħu strateġiji **għall-akkoljenza ta' persuni vulnerabbli, bħal tfal, tfal mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bit-tfal, vittmi ta' trafikkar tal-bnedmin, persuni b'mard fiżiku jew mentali serju jew stress posttraumatiku, u persuni li jkunu sofrew minn tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali;**

Or. fr

Emenda 109

Jan Mulder

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha tiġi **mkejla** permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, in-numru ta' persuni rritornati.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha tiġi mkejla **mill-Kummissjoni** permezz ta' indikaturi **bħalma hu**, fost oħrajn, in-numru ta' persuni rritornati.

Or. en

Emenda 110

Jan Mulder

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel **mill-Kummissjoni** permezz ta' indikaturi

ta' għajjnuna reċiproka miżjuda bejn l-Istati Membri inkluż permezz ta' kooperazzjoni prattika u rilokazzjoni.

bħalma huma, fost oħrajn, il-livell ta' għajjnuna reċiproka miżjuda bejn l-Istati Membri inkluż permezz ta' kooperazzjoni prattika u rilokazzjoni.

Or. en

Emenda 111
Georgios Papanikolaou

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' għajjnuna reċiproka miżjuda bejn l-Istati Membri inkluż permezz ta' kooperazzjoni prattika u rilokazzjoni.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' għajjnuna reċiproka miżjuda bejn l-Istati Membri inkluż permezz ta' kooperazzjoni prattika, ***disponibbiltà ta' riżorsi umani permezz tal-EASO*** u rilokazzjoni.

Or. en

Emenda 112
Jan Mulder

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-valutazzjoni tal-kisbiet, kif imkejla mill-indikaturi.

Or. en

Emenda 113
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li tkun qed tgawdi minn xi forma ta' protezzjoni sussidjarja fis-sens tad-Direttiva **2004/83/KE**;

Emenda

(b) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li tkun qed tgawdi minn xi forma ta' protezzjoni sussidjarja fis-sens tad-Direttiva **2011/95/UE**;

Or. en

Emenda 114
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li huwa residenti legalment fi Stat Membru jew li huwa fil-proċess li jikseb residenza legali fi Stat Membru;

Emenda

(f) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz **jew persuna mingħajr stat** li huwa residenti legalment fi Stat Membru jew li huwa fil-proċess li jikseb residenza legali fi Stat Membru;

Or. en

Emenda 115
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li huwa residenti legalment fi Stat Membru jew li huwa fil-proċess li jikseb residenza legali fi Stat Membru;

Emenda

(f) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz, **b'mod partikolari t-tfal u l-artisti**, li huwa residenti legalment fi Stat Membru jew li huwa fil-proċess li jikseb residenza legali fi Stat Membru;

Emenda 116
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jkun fit-territorju ta' pajjiż terz, li għandu l-*ħsieb* li jemigra lejn l-Unjoni u li jikkonforma ma' miżuri u/jew kundizzjonijiet ta' qabel it-tluq speċifiċi stabbiliti fil-liġi nazzjonali, inklużi dawk dwar l-abbiltà li jintegraw fis-soċjetà ta' Stat Membru;

Emenda

(g) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz ***jew persuna mingħajr stat*** li jkun fit-territorju ta' pajjiż terz, li għandu l-*ħsieb* li jemigra lejn l-Unjoni u li jikkonforma ma' miżuri u/jew kundizzjonijiet ta' qabel it-tluq speċifiċi stabbiliti fil-liġi nazzjonali, inklużi dawk dwar l-abbiltà li jintegraw fis-soċjetà ta' Stat Membru;

Or. en

Emenda 117
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li għadu ma rċevix deċiżjoni negattiva finali fir-rigward tat-talba tagħhom għal permanenza, residenza legali u/jew protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru u li jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu mir-ritorn volontarju, sakemm ma jkunux kisbu nazzjonalità ġdida u ma jkunux ħallew it-territorju ta' dak l-Istat Membru;

Emenda

(h) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz ***jew persuna mingħajr stat*** li għadu ma rċevix deċiżjoni negattiva finali fir-rigward tat-talba tagħhom għal permanenza, residenza legali u/jew protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru u li jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu mir-ritorn volontarju, sakemm ma jkunux kisbu nazzjonalità ġdida u ma jkunux ħallew it-territorju ta' dak l-Istat Membru;

Or. en

Emenda 118
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jgawdi mid-dritt ta' permanenza, residenza legali jew forma ta' protezzjoni internazzjonali fis-sens tad-Direttiva **2004/83/KE** jew protezzjoni temporanja fis-sens tad-Direttiva 2001/55/KE fi Stat Membru, u li jkun għażel li jagħmel użu mir-ritorn volontarju, sakemm ma jkunx kiseb nazzjonalità ġdida u ma jkunx ħalla t-territorju ta' dak l-Istat Membru;

Emenda

(i) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz **jew *persuna mingħajr stat*** li jgawdi mid-dritt ta' permanenza, residenza legali jew forma ta' protezzjoni internazzjonali fis-sens tad-Direttiva **2011/95/UE** jew protezzjoni temporanja fis-sens tad-Direttiva 2001/55/KE fi Stat Membru, u li jkun għażel li jagħmel użu mir-ritorn volontarju, sakemm ma jkunx kiseb nazzjonalità ġdida u ma jkunx ħalla t-territorju ta' dak l-Istat Membru;

Or. en

Emenda 119
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax jew m'għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul u/jew permanenza fi Stat Membru.

Emenda

(j) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz **jew *persuna mingħajr stat preżenti fit-territorju ta' Stat Membru*** li ma jissodisfax jew m'għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul u/jew permanenza fi Stat Membru.

Or. en

Emenda 120
Georgios Papanikolaou

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax jew m'għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul u/jew permanenza fi Stat Membru.

Emenda

(j) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax jew m'għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul u/jew permanenza fi Stat Membru, ***inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-proċess ta' ritorn tagħhom ikun ġie pospost formalment jew informalment.***

Or. en

Emenda 121
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ja) ċittadini ta' Stat Membru bi sfond ta' migrazzjoni, li jkunu legalment residenti fi Stat Membru ieħor.

Or. en

Emenda 122
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-grupp fil-mira għandu jinkludi membri tal-familja ta' persuni msemmija hawn fuq, fejn xieraq, ***u sa fejn japplikaw l-istess kundizzjonijiet.***

2. Il-grupp fil-mira għandu jinkludi membri tal-familja ta' persuni msemmija hawn fuq, fejn xieraq.

Or. en

Emenda 123
Georgios Papanikolaou

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) provvista ta' għajjnuna materjali, edukazzjoni, taħriġ, servizzi ta' appoġġ, saħħa u kura psikoloġika;

Emenda

(a) provvista ta' għajjnuna materjali, ***inkluża assistenza umanitarja fil-fruntiera***, edukazzjoni, taħriġ, servizzi ta' appoġġ, saħħa u kura psikoloġika;

Or. en

Emenda 124
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli ***bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' trafikkar, persuni b'mard fiżiku serju, mard mentali jew kundizzjonijiet post-traumatici, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali***;

Emenda

(d) assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-terminu “persuna vulnerabbli” għandu jiġi definit fl-Artikolu 2 korrispondenti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 125

Sylvie Guillaume

f'isem il-Grupp S&D

Rui Tavares

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Marie-Christine Vergiat

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' trafikkar, persuni b'mard fiżiku serju, mard mentali jew kundizzjonijiet post-traumatici, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali;

Emenda

(d) assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' trafikkar, persuni b'mard fiżiku serju, mard mentali jew kundizzjonijiet post-traumatici, ***persuni fir-riskju ta' vjolenza minħabba karatteristika personali msemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali;

Or. en

Emenda 126

Sylvie Guillaume

f'isem il-Grupp S&D

Rui Tavares

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Marie-Christine Vergiat

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) informazzjoni għall-komunitajiet lokali kif ukoll taħriġ għall-persunal ta' awtoritajiet lokali, li jkunu qed jitħalltu

Emenda

(e) informazzjoni għall-komunitajiet lokali kif ukoll taħriġ għall-persunal ta' awtoritajiet lokali, li jkunu qed jitħalltu

ma' dawk li jintlaqgħu;

ma' dawk li jintlaqgħu; ***dan jinkludi taħriġ għall-persunal li se jkun qed jinteraġixxi ma' persuni vulnerabbli msemmija fil-punt (d);***

Or. en

Emenda 127
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fl-Istati Membri l-ġodda li ser jidħlu fl-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2013 u fl-Istati Membri li jiltaqgħu ma' nuqqasijiet speċifiċi, strutturali fil-qasam tal-infrastruttura u s-servizzi ta' akkomodazzjoni, minbarra l-azzjonijiet eliġibbli elenkati fil-paragrafu 1, il-Fond jista' jappoġġja wkoll azzjonijiet li jimmiraw għal:

Emenda

2. Fl-Istati Membri l-ġodda li ser jidħlu fl-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2013 u fl-Istati Membri, li ***daħlu qabel din id-data, li*** jiltaqgħu ma' nuqqasijiet speċifiċi, strutturali fil-qasam tal-infrastruttura u s-servizzi ta' akkomodazzjoni, minbarra l-azzjonijiet eliġibbli elenkati fil-paragrafu 1, il-Fond jista' jappoġġja wkoll azzjonijiet ***kofinanzjati*** li jimmiraw għal:

Or. en

Emenda 128
Georgios Papanikolaou

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-istabbiliment, l-iżvilupp u t-titjib tal-infrastruttura u s-servizzi ta' akkomodazzjoni;

Emenda

(a) l-istabbiliment, l-iżvilupp, ***l-operat*** u t-titjib tal-infrastruttura u s-servizzi ta' akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 129
Georgios Papanikolaou

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-twaqqif ta' strutturi amministrattivi, sistemi u t-taħriġ tal-persunal u awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti biex jiġi żgurat aċċess bla xkiel għall-proċeduri tal-ażil għal persuni li jfittxu l-ażil u proċeduri tal-ażil effiċjenti u ta' kwalità.

Emenda

(b) it-twaqqif ta' strutturi amministrattivi, sistemi u t-taħriġ ***kif ukoll, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, i-reklutaġġ għal perjodu speċifiku ta' żmien*** tal-persunal u awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti biex jiġi żgurat aċċess bla xkiel għall-proċeduri tal-ażil għal persuni li jfittxu l-ażil u proċeduri tal-ażil effiċjenti u ta' kwalità.

Or. en

Emenda 130
Georgios Papanikolaou

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri li jiġbru, janalizzaw u jxerrdu dejta u statistika dwar proċeduri tal-ażil, kapaċitajiet ta' akkoljenza, azzjonijiet ta' risistemazzjoni u rilokazzjoni;

Emenda

(a) azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri ***anke fir-rigward tal-proċess ta' twissija bikrija, l-istat ta' tħejjija u l-immaniġġar ta' kriżijiet ta' ażil stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru [...../.....] [fir-Regolament ta' Dublin]***, li jiġbru, janalizzaw u jxerrdu dejta u statistika dwar proċeduri tal-ażil, kapaċitajiet ta' akkoljenza, azzjonijiet ta' risistemazzjoni u rilokazzjoni;

Or. en

Emenda 131
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) l-akkwist u/jew it-titjib ulterjuri ta' tagħmir tekniku, faċilitajiet sikuri, infrastrutturi, bini u sistemi relatati, speċjalment sistemi ta' ICT u l-komponenti tagħhom;

Or. en

Emenda 132
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-istabbiliment ta' infrastruttura u servizzi xierqa biex tkun żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel u effettiva ta' azzjonijiet ta' risistemazzjoni u rilokazzjoni;

(b) l-istabbiliment ta' infrastruttura u servizzi xierqa biex tkun żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel u effettiva ta' azzjonijiet ta' risistemazzjoni u rilokazzjoni, **inkluża l-assistenza lingwistika;**

Or. en

Emenda 133
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) it-tisħiħ ta' infrastruttura u servizzi fil-pajjiżi deżinjati għall-implimentazzjoni tal-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali.

(g) it-tisħiħ ta' infrastruttura u servizzi **rilevanti għall-migrazzjoni u l-ażil** fil-pajjiżi deżinjati għall-implimentazzjoni tal-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali.

Emenda 134
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' strateġiji dwar ir-risistemazzjoni u r-rilokazzjoni, inklużi l-analiżi tal-bżonnijiet, it-titjib tal-indikaturi u l-evalwazzjoni.

Emenda 135
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) il-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jwasslu għall-integrazzjoni, l-awtonomija u l-awtodipendenza ta' rifuġjati risistemati fuq bażi fit-tul.

Emenda 136
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex ***tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni*** legali lejn l-Unjoni u sabiex jitħejjew aħjar il-persuni msemija fil-punt (g) tal-Artikolu 4(1) għall-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà riċevanti fi ħdan l-oġettiv speċifiku definit fil-punt (b) tal--Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar il-politika kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament Orizzontali], l-azzjonijiet li ġejjin li jseħħu fil-pajjiż ta' oriġini, għandhom b'mod partikolari jkunu eliġibbli:

Emenda

Sabiex ***ikunu appoġġati miżuri li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-migrazzjoni*** legali lejn l-Unjoni u sabiex jitħejjew aħjar il-persuni msemija fil-punt (g) tal-Artikolu 4(1) għall-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà riċevanti fi ħdan l-oġettiv speċifiku definit fil-punt (b) tal--Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar il-politika kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament Orizzontali], l-azzjonijiet li ġejjin li jseħħu fil-pajjiż ta' oriġini, għandhom b'mod partikolari jkunu eliġibbli:

Or. en

Emenda 137
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *kampanji b'pakketti ta' informazzjoni u ta' żieda fl-għarfien*, inkluż permezz ta' komunikazzjoni faċli għall-utent u *t-teknoloġija tal-informatika u websajts*;

Emenda

(a) pakketti ta' informazzjoni u *kampanji ta' sensibilizzazzjoni*, inkluż permezz ta' *teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni u websajts* faċli għall-utent, ***flimkien mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, inklużi dawk li joperaw fil-livell lokali fil-qasam tal-immigrazzjoni***;

Or. fr

Emenda 138
Marian-Jean Marinescu

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *kampanji b'pakketti ta' informazzjoni u ta' żieda fl-għarfien, inkluż permezz ta' komunikazzjoni faċli għall-utent u t-teknoloġija tal-informatika u websajts;*

Emenda

(a) pakketti ta' informazzjoni u *kampanji ta' sensibilizzazzjoni*, inkluż permezz ta' *teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni u websajts faċli għall-utent, imxerrda fil-pajjiżi differenti b'mod koordinat u skont messaġġ komuni Ewropew;*

Or. en

**Emenda 139
Monika Hohlmeier**

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *il-valutazzjoni* tal-kapaċitajiet u l-kwalifiki u t-titjib tat-trasparenza u l-ekwivalenza tal-kapaċitajiet u l-kwalifiki fil-pajjiżi ta' orijini;

Emenda

(b) *għoti ta' pariri dwar ir-rikonoxximent* tal-kapaċitajiet u l-kwalifiki u t-titjib tat-trasparenza u l-ekwivalenza tal-kapaċitajiet u l-kwalifiki fil-pajjiżi ta' orijini;

Or. en

**Emenda 140
Monika Hohlmeier**

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

(d) korsijiet komprensivi ta' orjentazzjoni ċivika **u** tagħlim tal-lingwa.

Emenda

(d) korsijiet komprensivi ta' orjentazzjoni ċivika, tagħlim tal-lingwa **u korsijiet ta' preparazzjoni għall-proċess ta' integrazzjoni u miżuri ta' integrazzjoni offruti mill-Istati Membri.**

Emenda 141
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom, **inklużi dawk li jidħlu jew jirrisjedu għal skopijiet ta' impjieg jew impjieg indipendenti u ta' riunifikazzjoni tal-familja, il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, dawk li jfittxu l-ażil, il-persuni risistemati jew riallokati u gruppi vulnerabbli ta' migranti, b'mod partikolari, minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' traffikar, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.**

Emenda

2. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Għal raġunijiet ta' konċiżjoni, l-eżempji għandhom jitħassru minħabba li, fi kwalunkwe każ, huma koperti bit-terminu "ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-familji tagħhom".

Emenda 142
Sylvie Guillaume
f' isem il-Grupp S&D

Rui Tavares
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Marie-Christine Vergiat
f' isem il-Grupp GUE/NGL

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom, inklużi dawk li jidħlu jew jirrisjedu għal skopijiet ta' impjieg jew impjieg indipendenti u ta' riunifikazzjoni tal-familja, il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, dawk li jfittxu l-ażil, il-persuni risistemati jew riallokati u gruppi vulnerabbli ta' migranti, b'mod partikolari, minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' traffikar, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

Emenda

2. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom, inklużi dawk li jidħlu jew jirrisjedu għal skopijiet ta' impjieg jew impjieg indipendenti u ta' riunifikazzjoni tal-familja, il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, dawk li jfittxu l-ażil, il-persuni risistemati jew riallokati u gruppi vulnerabbli ta' migranti, b'mod partikolari, minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' traffikar, ***persuni friskju ta' vjolenza minħabba karatteristika personali msemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

Or. en

Emenda 143
Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-tiżiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri li jiżviluppaw, jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-istrateġiji, politiki u miżuri tal-immigrazzjoni tagħhom fil-livelli differenti u d-dipartimenti tal-amministrazzjonijiet, partikolarment it-tiżiħ tal-kapaċità tagħhom li jiġbru, janalizzaw u jxerrdu dejta u statistika dwar

Emenda

(b) it-tiżiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri li jiżviluppaw, jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-istrateġiji, politiki u miżuri tal-immigrazzjoni tagħhom fil-livelli differenti u d-dipartimenti tal-amministrazzjonijiet, partikolarment it-tiżiħ tal-kapaċità tagħhom li jiġbru, janalizzaw u jxerrdu dejta u statistika

il-proċeduri u l-flussi migratorji, permessi ta' residenza u l-iżvilupp ta' għodda ta' monitoraġġ, skemi ta' evalwazzjoni, indikaturi u livelli għall-kejl tal-kisbiet ta' dawn l-istrategġiji;

ddettaljata u sistematika dwar il-proċeduri u l-flussi migratorji, permessi ta' residenza u l-iżvilupp ta' għodda ta' monitoraġġ, skemi ta' evalwazzjoni, indikaturi u livelli għall-kejl tal-kisbiet ta' dawn l-istrategġiji;

Or. fr

Emenda 144
Marco Scurria

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) *kapaċitajiet* interkulturali *ulterjuri ta' organizzazzjonijiet* implimentattivi li jipprovdu servizzi pubbliċi u privati, inklużi istituzzjonijiet edukattivi, *il-promozzjoni* tal-iskambju ta' esperjenza u prattiċi tajba, kooperazzjoni u netwerking;

Emenda

(c) *titjib fil-kapaċitajiet* **loġistiċi u** interkulturali *tal-organizzazzjonijiet* implimentattivi li jipprovdu servizzi pubbliċi u privati, inklużi istituzzjonijiet edukattivi, *u promozzjoni* tal-iskambju ta' esperjenza u prattiċi tajba, kooperazzjoni u netwerking;

Or. it

Emenda 145
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) il-kontribuzzjoni għal proċess dinamiku fuq żewġ binarji ta' interazzjoni reċiproka, li jservi ta' bażi għal strategġiji ta' integrazzjoni f'livell lokali u reġjonali bl-iżvilupp ta' pjattaformi għall-konsultazzjoni ta' *ċittadini ta' pajjiżi terzi*, l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet interessati u l-pjattaformi ta' djalogu interkulturali u reliġjuż bejn

Emenda

(e) il-kontribuzzjoni għal proċess dinamiku fuq żewġ binarji ta' interazzjoni reċiproka, li jservi ta' bażi għal strategġiji ta' integrazzjoni f'livell lokali u reġjonali bl-iżvilupp ta' pjattaformi għall-konsultazzjoni ta' *persuni msemmija fl-Artikolu 4*, l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet interessati u l-pjattaformi ta' djalogu interkulturali u reliġjuż bejn

komunitajiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u/jew bejn dawn il-komunitajiet u s-soċjetà riċeventi u/jew bejn dawk il-komunitajiet u l-awtoritajiet li joħolqu l-politika u li jieħdu ddeċiżjonijiet.

komunitajiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi **jew persuni mingħajr stat** u/jew bejn dawn il-komunitajiet u s-soċjetà riċeventi u/jew bejn dawk il-komunitajiet u l-awtoritajiet li joħolqu l-politika u li jieħdu ddeċiżjonijiet.

Or. en

Emenda 146
Georgios Papanikolaou

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-istabbiliment u t-titjib ta' infrastruttura ta' akkomodazzjoni jew servizzi u kundizzjonijiet ta' akkoljenza jew detenzjoni;

Emenda

(a) l-istabbiliment u t-titjib **u, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, l-operat** ta' infrastruttura ta' akkomodazzjoni jew servizzi u kundizzjonijiet ta' akkoljenza jew detenzjoni;

Or. en

Emenda 147
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli **bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' traffikar, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.**

Emenda

(f) assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal raġunijiet ta' ċarezza, id-definizzjoni ta' persuni vulnerabbli għandha tiġi inkluża fl-Artikolu 2 korrispondenti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 148 Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 12

imħassar

Miżuri ta' ritorn

Fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punt (c) tal-Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar il-politika kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament Orizzontali], il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet li jkollhom fil-mira persuni msemmija fil-punti (h) sa (j) tal-Artikolu 4(1) u jkunu b'mod partikolari dwar wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet konsulari u servizzi ta' immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi bil-ħsieb li jinkisbu d-dokumenti l-ivvjaġġar, l-iffaċilitar ta' ripatrijazzjoni u l-iżgurar tar-riammissjoni;

(b) miżuri ta' ritorn volontarji u assistiti, inklużi eżamijiet mediċi u assistenza, arranġamenti għall-ivvjaġġar, kontribuzzjonijiet finanzjarji, konsulenza u assistenza ta' qabel u wara r-ritorn;

(c) miżuri biex jitnieda l-progress ta' riintegrazzjoni għall-iżvilupp personali tar-ripatrijat, bħal inċentivi ta' flus, taħriġ, assistenza għal tqegħid u impjiegi u appoġġ fil-bidu għal attivitajiet ekonomiċi;

(d) faċilitajiet u servizzi fil-pajjiżi terzi fl-iżgurar ta' akkomodazzjoni temporanja xierqa u l-akkoljenza mal-wasla;

(e) assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' traffikar, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

Or. fr

Emenda 149
Marco Scurria, Salvatore Iacolino

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, punti b), d) u c) huma applikabbli għall-istess persuna darba waħda biss.

Or. it

Emenda 150
Simon Busuttil

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) arranġamenti ta' loġistika u vvjaġġar;

Or. en

Emenda 151
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) miżuri biex jitnieda l-progress ta' riintegrazzjoni għall-iżvilupp personali tar-ripatrijat, bħal inċentivi ta' flus, taħriġ, assistenza għal tqegħid u impjiegi u appoġġ fil-bidu għal attivitajiet ekonomiċi;

Emenda

(c) miżuri biex jitnieda l-progress ta' riintegrazzjoni għall-iżvilupp personali tar-ripatrijat, bħal inċentivi ta' flus, taħriġ, assistenza għal tqegħid u impjiegi u appoġġ fil-bidu għal attivitajiet ekonomiċi, ***inklużi miżuri ta' qabel ir-ritorn***;

Or. en

Emenda 152
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli ***bħal minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri weħidhom bi tfal minorenni, vittmi ta' traffikar, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.***

Emenda

(e) assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal raġunijiet ta' ċarezza, id-definizzjoni ta' persuni vulnerabbli għandha tiġi inkluża fl-Artikolu 2 korrispondenti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 153
Marie-Christine Vergiat

**Proposta għal regolament
Artikolu 13**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 13

imħassar

***Miżuri prattiċi ta' kooperazzjoni u ta' bini
tal-kapaċità***

***Fi ħdan l-objettiv speċifiku definit fil-punt
(c) tal-Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-
konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar
il-politika kif previst fl-Artikolu 13 tar-
Regolament (UE) Nru ../... [ir-
Regolament Orizzontali], l-azzjonijiet li
għejjin għandhom, b'mod partikolari,
ikunu eliġibbli:***

***(a) azzjonijiet li jippromwovu u jsaħħu l-
kooperazzjoni operattiva bejn is-servizzi
ta' ritorn tal-Istati Membri, inkluż fir-
rigward ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet
konsulari u servizzi ta' immigrazzjoni ta'
pajjiżi terzi;***

***(b) azzjonijiet għall-appoġġ tal-
kooperazzjoni bejn servizzi ta' ritorn mill-
Istati Membri u l-pajjiżi terzi, inklużi
miżuri li jimmiraw li jsaħħu l-kapaċitajiet
ta' pajjiżi terzi li jwettqu dawn l-attivitajiet
ta' riammissjoni u riintegrazzjoni fil-
qafas ta' ftehimiet ta' riammissjoni;***

***(c) azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità biex
ikunu żviluppati politiki effettivi u
sostenibbli ta' ritorn, b'mod partikolari bl-
iskambju ta' informazzjoni dwar is-
sitwazzjoni fil-pajjiżi ta' ritorn, l-aħjar
prattiki, il-kondiviżjoni ta' esperjenza u l-
għbir flimkien ta' riżorsi bejn l-Istati
Membri;***

***(d) azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità tal-għbir,
l-analiżi u t-tixrid ta' dejta u statistika
dwar proċeduri u miżuri ta' ritorn,
kapaċitajiet ta' akkoljenza u detenzjoni,
ritorni infurzati u volontarji, il-
monitoraġġ u r-riintegrazzjoni;***

***(e) azzjonijiet li jikkontribwixxu
direttament għall-evalwazzjoni ta' politiki***

dwar ir-ritorn, bħal valutazzjonijiet nazzjonali tal-impatt, stħarriġ fost il-gruppi fil-mira, l-iżvilupp ta' indikaturi u benchmarking.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Dan l-Artikolu jibbaża fuq it-tisħiħ tal-miżuri li jikkonċernaw ir-ritorn. Għalhekk, din hija emenda ta' koerenza mal-emendi preċedenti dwar dan il-punt.

Emenda 154
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) azzjonijiet għall-appoġġ tal-kooperazzjoni bejn servizzi ta' ritorn mill-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, inklużi miżuri li jimmiraw li jsaħħu l-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi li jwettqu dawn l-attivitajiet ta' riammissjoni u riintegrazzjoni fil-qafas ta' ftehimiet ta' riammissjoni;

Emenda

(b) azzjonijiet għall-appoġġ tal-kooperazzjoni bejn servizzi ta' ritorn mill-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, inklużi miżuri li jimmiraw li jsaħħu l-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi li jwettqu dawn l-attivitajiet ta' riammissjoni u riintegrazzjoni, ***fost oħrajn***, fil-qafas ta' ftehimiet ta' riammissjoni;

Or. en

Emenda 155
Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità tal-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' dejta u statistika dwar proċeduri u miżuri ta' ritorn, kapaċitajiet ta' akkoljenza u detenzjoni, ritorni infurzati u volontarji, il-monitoraġġ u r-

Emenda

(d) azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità tal-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' dejta u statistika ***ddettaljata u sistematika*** dwar proċeduri u miżuri ta' ritorn, kapaċitajiet ta' akkoljenza u detenzjoni, ritorni infurzati u volontarji,

riintegrazzjoni;

il-monitoraġġ u r-riintegrazzjoni;

Or. fr

Emenda 156
Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. **EUR 3,232 miljun** għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri b'mod indikattiv kif ġej:

Emenda

1. ***Ir-riżorsi assenjati għall-programmi nazzjonali*** għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri b'mod indikattiv kif ġej:

Or. fr

Emenda 157
Rui Tavares, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom, minbarra l-allokkazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 15(1), jirċievu kull sentejn ammont addizzjonali kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 15(2) li jkun ibbażat fuq is-somma ***sħiħa*** ta' **EUR 6,000** għal kull persuna risistemata.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom, minbarra l-allokkazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 15(1), jirċievu kull sentejn ammont addizzjonali kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 15(2) li jkun ibbażat fuq is-somma ta' **EUR 4 000** għal kull persuna risistemata ***minfuqa fuq attivitajiet ta' risistemazzjoni msemmija fl-Artikolu 7. L-implimentazzjoni effettiva tal-attivitajiet għandha tiġi ssorveljata u evalwata mill-Unità ta' Risistemazzjoni tal-EASO.***

Or. en

Emenda 158
Rui Tavares, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Is-somma msemija fil-paragrafu 1 għandha tiżdied b'EUR 3 000 għal kull persuna risistemata minbarra l-kwota preċedenti ta' risistemazzjoni tal-Istat Membru, jew fil-każ li l-persuna tkun ġiet risistemata fi Stat Membru li ma jkunx wettaq minn qabel risistemazzjoni b'fondi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 159
Rui Tavares, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Is-somma ***sħiħa*** msemija fil-paragrafu 1 għandha tiżdied għal ***EUR 10,000 għal*** kull persuna risistemata skont il-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni stabbiliti skont il-paragrafi 3 u 4 u elenkati fl-Anness III.

2. Is-somma msemija fil-paragrafu 1 għandha tiżdied ***ukoll b'EUR 3 000*** għal kull persuna risistemata skont il-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni stabbiliti skont il-paragrafi 3 u 4 u elenkati fl-Anness III.

Or. en

Emenda 160
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3a (ġdid)

3a. L-Istati Membri li jiġbru flimkien il-wegħdiet tagħhom f'impenn mingħajr limiti jieħdu somom u appoġġ addizzjonali għal kull persuna risistemata sabiex jinkisbu l-għanijiet kwantitattivi u kwalitattivi tal-Programm ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni, billi jintlaħqu mill-anqas 20 000 risistemazzjoni kull sena sas-sena 2020 u jiġu stabbiliti prattiki tajba u standards komuni għall-integrazzjoni tar-reguġjati. Dawn l-Istati Membri għandhom jaħdmu mill-qrib mal-Unità ta' Risistemazzjoni tal-EASO sabiex jistabbilixxu, itejbu u jirriveđu regolarment il-linji gwida għal dawn l-għanijiet kwantitattivi u kwalitattivi.

Or. en

Emenda 161
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-gruppi vulnerabbli ta' refuġjati li ġejjin għandhom f'kwalunkwe każ ikunu inklużi fil-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u jikkwalifikaw għas-somma sħiħa provduta skont il-paragrafu 2:

Emenda

4. Il-gruppi vulnerabbli ta' refuġjati li ġejjin, **inklużi l-membri tal-familja tagħhom**, għandhom f'kwalunkwe każ ikunu inklużi fil-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u jikkwalifikaw għas-somma sħiħa provduta skont il-paragrafu 2:

Or. en

Emenda 162
Rui Tavares, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-gruppi vulnerabbli ta' refuġjati li ġejjin għandhom f'kwalunkwe każ ikunu inklużi fil-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u jikkwalifikaw għas-somma *shifa* provduta skont il-paragrafu 2:

Emenda

4. Il-gruppi vulnerabbli ta' refuġjati li ġejjin għandhom f'kwalunkwe każ ikunu inklużi fil-prijoritajiet komuni ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u jikkwalifikaw għas-somma provduta skont il-paragrafu 2:

Or. en

Emenda 163
Georgios Papanikolaou

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– persuni li kienu suġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

Or. en

Emenda 164
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– superstiti ta' vjolenza u tortura.

Or. en

Emenda 165
Rui Tavares

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Sabiex effettivament issegwi l-objettivi tal-Programm ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 26 biex taġġusta, jekk jitqies xieraq, is-somom sħaħ imsemmija fil-paragrafi 1 **u 2**.

Emenda

8. Sabiex effettivament issegwi l-objettivi tal-Programm ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 26 biex taġġusta, jekk jitqies xieraq, is-somom sħaħ imsemmija fil-paragrafi 1, **2 u 3a**.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tal-Artikolu 3a hija referenza għall-emenda 12 (Artikolu 17 § 3a ġdid) imressqa minn Rui Tavares.

Emenda 166
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom, minbarra l-allokazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 15(1), jirċievu, meta jitqies xieraq, ammont addizzjonali kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 15(2) li jkun ibbażat fuq is-somma sħaħa ta' EUR 6,000 għal kull persuna rilokati minn Stat Membru ieħor.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom, minbarra l-allokazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 15(1), jirċievu, meta jitqies xieraq, ammont addizzjonali kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 15(2) li jkun ibbażat fuq is-somma sħaħa ta' EUR 6,000 għal kull persuna rilokati minn Stat Membru ieħor, ***inklużi l-membri tal-familja***.

Or. en

Emenda 167
Georgios Papanikolaou

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom, minbarra l-allokazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 15(1), jirċievu, **meta jitqies xieraq**, ammont addizzjonali kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 15(2) li jkun ibbażat fuq is-somma sħiħa ta' EUR 6,000 għal kull persuna rilokati minn Stat Membru ieħor.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom, minbarra l-allokazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 15(1), jirċievu, ammont addizzjonali kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 15(2) li jkun ibbażat fuq is-somma sħiħa ta' EUR 6,000 għal kull persuna rilokati minn Stat Membru ieħor.

Or. en

Emenda 168
Rui Tavares, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom, minbarra l-allokazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 15(1), jirċievu, meta jitqies xieraq, ammont addizzjonali kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 15(2) li jkun ibbażat fuq is-somma **sħiħa ta' EUR 6,000** għal kull persuna rilokati minn Stat Membru ieħor.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom, minbarra l-allokazzjoni tagħhom ikkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 15(1), jirċievu, meta jitqies xieraq, ammont addizzjonali kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 15(2) li jkun ibbażat fuq is-somma ta' **EUR 4 000** għal kull persuna rilokati minn Stat Membru ieħor.

Or. en

Emenda 169
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-tisħiħ tal-istabbiliment ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil bl-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-Unjoni dwar l-ażil;

Emenda

(a) it-tisħiħ tal-istabbiliment ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil bl-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-acquis tal-Unjoni dwar l-ażil, ***b'mod partikolari sabiex ikunu żgurati l-implimentazzjoni u r-rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement u tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951;***

Or. fr

Emenda 170
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-twaqqif u l-iżvilupp ta' strateġiji ta' integrazzjoni ***f'livell lokali/reġjonali li jinkludu aspetti differenti tal-proċess dinamiku fuq żewġ binarji***, li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi ta' kategoriji differenti ta' migranti u l-iżvilupp ta' sħubiji effettivi bejn il-partijiet interessati kollha;

Emenda

(c) it-twaqqif u l-iżvilupp ta' strateġiji ta' integrazzjoni, li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi ta' kategoriji differenti ta' migranti u l-iżvilupp ta' sħubiji effettivi bejn il-partijiet interessati kollha;

Or. en

Emenda 171
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) iż-żieda fil-kooperazzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u prattiċi tajbin fil-qasam tal-ażil, inklużi r-

Emenda

(a) iż-żieda fil-kooperazzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u prattiċi tajbin fil-qasam tal-ażil, inklużi r-

risistemazzjoni u r-rilokazzjoni, il-migrazzjoni legali, inkluż l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u r-ritorn;

risistemazzjoni u r-rilokazzjoni, il-migrazzjoni legali, inkluż l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jew persuni mingħajr stat***, u r-ritorn;

Or. en

Emenda 172
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni, *sħubiji* ta' mobilità u l-programmi ta' protezzjoni reġjonali.

Emenda

(f) kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***abbażi tal-Approċċ Globali dwar il-Migrazzjoni***, b'mod partikolari fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni, *shubijijiet* ta' mobilità u l-programmi ta' protezzjoni reġjonali.

Or. en

Emenda 173
Simon Busuttil

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni, *sħubiji* ta' mobilità ***u l-programmi*** ta' protezzjoni reġjonali.

Emenda

(f) kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni, *sħubiji* ta' mobilità, ***il-programmi*** ta' protezzjoni reġjonali ***u aċċess sikur għas-sistema ta' ażil tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 174
Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta l-azzjonijiet tal-Unjoni jitwettqu b'ġestjoni ċentralizzata indiretta mill-aġenziji tal-Unjoni attivi fil-qasam tal-affarijiet interni, il-Kummissjoni tiżgura tqassim ġust, ekwu u trasparenti tal-finanzjamenti bejn l-aġenziji differenti. Dawn l-azzjonijiet jiġu implimentati fil-qafas tal-missjonijiet ta' dawn l-aġenziji, b'komplementarità mal-programmi ta' ħidma tagħhom.

Or. fr

Emenda 175
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) li jservi bħala kunsill konsultattiv tal-Unjoni għall-migrazzjoni u ***l-ażil*** permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni f'livell kemm nazzjonali u tal-Unjoni mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, id-dinja akkademika, is-soċjetà ċivili, gruppi ta' riflessjoni u entitajiet tal-Unjoni/internazzjonali oħra;

(a) li jservi bħala kunsill konsultattiv tal-Unjoni għall-migrazzjoni u ***l-asil*** permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni f'livell kemm nazzjonali u tal-Unjoni mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, id-dinja akkademika, is-soċjetà ċivili, gruppi ta' riflessjoni u entitajiet tal-Unjoni/internazzjonali oħra ***u b'mod partikolari dawk li huma speċjalizzati fil-kwistjonijiet tal-ażil u tal-immigrazzjoni;***

Or. fr

Emenda 176
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) li jipprovdi lill-pubbliku ġenerali
bl'informazzjoni msemija fil-punt (b).

Emenda

(c) li jipprovdi lill-pubbliku ġenerali *l-*
informazzjoni msemija fil-punt (b),
sakemm ma tkunx ikklassifikata bħala
kunfidenzjali mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 177
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) li jipprovdi lill-pubbliku ġenerali
bl'informazzjoni msemija fil-punt (b).

Emenda

(c) li jipprovdi lill-pubbliku ġenerali *l-*
informazzjoni msemija fil-punt (b),
flimkien mas-soċjetà ċivili u l-
organizzazzjonijiet mhux governattivi
involuti fl-oqsma tal-immigrazzjoni u tal-
ażil.

Or. fr

Emenda 178
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. In-Netwerk Ewropew dwar il-
Migrazzjoni, l-EASO **u l-Aġenzija Frontex**
għandhom jiżguraw li l-attivitajiet

Emenda

4. In-Netwerk Ewropew dwar il-
Migrazzjoni **u** l-EASO għandhom jiżguraw
li l-attivitajiet rispettivi tagħhom ikunu

rispettivi tagħhom ikunu konsistenti u koordinati.

konsistenti u koordinati.

Or. fr

Emenda 179
Monika Hohlmeier

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Bord ta' Tmexxija biex jipprovdi gwida politika fuq u japprova l-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, li jikkonsisti mill-Kummissjoni flimkien ma' **esperti wieħed** minn Stati Membri, **il-Parlament** Ewropew u minn entitajiet oħra rilevanti;

Emenda

(b) Bord ta' Tmexxija biex jipprovdi gwida politika fuq u japprova l-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, li jikkonsisti mill-Kummissjoni flimkien ma' **rappreżentanti** minn Stati Membri, **Membri tal-Parlament** Ewropew, u **esperti** minn entitajiet oħra rilevanti;

Or. en

Emenda 180
Marie-Christine Vergiat

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) entitajiet oħra rilevanti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Emenda

(d) entitajiet oħra rilevanti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, **b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet mhux governattivi.**

Or. fr

Emenda 181
Monika Hohlmeier

**Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fuq inizjattiva ta' Stat Membru, il-Fond għandu jikkontribwixxi sa **5%** tal-ammont totali allokat lill-Istat Membru għall-assistenza teknika taħt il-programm nazzjonali skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament Orizzontali].

Emenda

2. Fuq inizjattiva ta' Stat Membru, il-Fond għandu jikkontribwixxi sa **7%** tal-ammont totali allokat lill-Istat Membru għall-assistenza teknika taħt il-programm nazzjonali skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament Orizzontali].

Or. en

**Emenda 182
Monika Hohlmeier**

**Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-delega ta' setgħat imsemmija f'dan ir-Regolament hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 7 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***Id-delega ta' setgħat għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonax għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.***

Emenda

2. Id-delega ta' setgħat imsemmija f'dan ir-Regolament hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 7 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Or. en

**Emenda 183
Monika Hohlmeier**

**Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandha tapplika.

Emenda

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandha tapplika. ***Jekk il-Kumitat ma jagħtix l-opinjoni tiegħu, l-att implimentattiv ma jiġix stabbilit.***

Or. en

Emenda 184

Rui Tavares, Sylvie Guillaume

**Proposta għal regolament
Anness II – Punt 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) L-istabbiliment ta' Unità ta' Risistemazzjoni fi ħdan l-EASO b'persunal adatt allokat biex iwettaq il-koordinazzjoni neċessarja bejn l-attivitatiet kollha ta' risistemazzjoni li għaddejjin fl-Istati Membri, iwettaq missjonijiet għall-pajjiżi terzi u/jew Stati Membri oħra, jassisti fit-tweqqif ta' intervisti, skrinjar mediku u ta' sigurtà, jiġbor kompetenzi, jippermetti l-ġbir u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni, jistabbilixxi kuntatt mill-qrib mal-UNHCR u l-NGOs lokali, ikollu rwol importanti fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-effettività u l-kwalità tal-programmi, jipromwovi kuxjenza u jiżgura netwerking madwar l-Unjoni u skambju ta' prattiki tajba fost il-partijiet interessati fir-risistemazzjoni, inklużi sħubijiet bejn organizzazzjonijiet internazzjonali, awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 185
Rui Tavares, Sylvie Guillaume

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b) Biex jippermettu l-possibbiltà għall-awtoritajiet u l-imsieħba lokali tal-Istati Membri biex jitolbu appoġġ finanzjarju mill-Fond fil-kuntest ta' programmi lokali ta' integrazzjoni li jinkludu appoġġ mal-wasla, proċedura ta' segwitu fuq il-wasliet, strutturi ta' ppjanar u koordinazzjoni u attivitajiet biex jinfurmaw u jippromwovu r-risistemazzjoni mal-komunitajiet li jkunu se jilqgħu r-rifuġjati risistemati.

Or. en

Emenda 186
Marco Scurria

Proposta għal regolament
Anness 3 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Ir-rifuġjati Sirjani fit-Turkija, il-Ġordan u l-Libanu

Or. it